32004D0038

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-23 ta' Diċembru 2003

li tniżżel kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw importazzjonijiet ta' prodotti mis-sajd mill-Eġittu

(notifikata taħt dokument numru K(2003) 5018)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2004/38/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabilixxi kondizzjonijiet tas-saħħa għall-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' prodotti tas-sajd [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 11 tagħha,

Billi:

(1) Twettqet spezzjoni fl-Eġittu għan-nom tal-Kummissjoni biex jiġu verifikati l-kondizzjonijiet li taħthom prodotti mis-sajd huma prodotti, maħżuna u mibgħuta lejn il-Komunità.

(2) Il-ħtiġiet fil-leġislazzjoni ta' l-Eġittu dwar l-ispezzjoni tas-saħħa u l-immonitorjar tal-prodotti mis-sajd huma meqjusa ekwivalenti għall-dawk stabbiliti fid-Direttiva 91/493/KEE.

(3) B'mod partikolari l-Organizzazzjonijiet Ġenerali tas-Servizzi Veterinarji (GOVS), hija kapaċi li effettivament tivverifika l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni fis-seħħ.

(4) Il-GOVS ipprovdiet assigurazzjonijiet uffiċjali fir-rigward tal-konformità ma' l-*istandards* għall-kontrolli tas-saħħa u l-immonitorjar tal-prodotti mis-sajd kif stipulati fil-Kapitolu V ta' l-Anness li jinsab mad-Direttiva 91/493/KEE u fir-rigward tat-tħaris ta' ħtiġiet iġjeniċi ekwivalenti għal dawk stabbiliti f'dik id-Direttiva.

(5) Huwa xieraq li jitniżżlu dispożizzjonijiet dettaljati dwar prodotti mis-sajd importati fil-Komunità mill-Eġittu, skond id-Direttiva 91/493/KEE.

(6) Huwa wkoll meħtieġ li titħejja lista ta' stbbilimenti approvati, bastimenti fabbrika, jew imħażen tal-friża, u lista tal-bastimenti friża mgħamra skond il-ħtiġiet tad-Direttiva tal-Kunsill 92/48/KEE tas-16 ta' Ġunju 1992 li tippreskrivi r-regoli minimi ta'iġjene applikabbli għall-prodotti mis-sajd maqbuda abbord ċerti bastimenti skond l-Artikolu 3(1)(a)(i) tad-Direttiva 91/493/KEE [2]. Dawk il-listi għandhom jitħejjew fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mill-GOVS lill-Kummissjoni.

(7) Minħabba li l-importazzjoni ta' prodotti mis-sajd mill-Eġittu sejrin ikun awtorizzati għall-ewwel darba permezz tad-deċiżjoni presenti m'hemmx il-ħtieġa ta' perjodu tansitorji, u perjodu ta' tlett ijiem huwa suffiċjenti biex jassigura l-pubblikità ta' l-awtorizzazzjoni. Għalhekk, l-importazzjonijiet minn dan il-pajjiż għandhom ikunu permessi tlett ijiem wara il-pubblikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

(8) Il-miżuri li għalihom tipprovdi din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

L-Artikolu 1

L-Organizzazzjonijiet Ġenerali tas-Servizzi Veterinarji (GOVS), għandha tkun l-awtorità kompetenti fl-Eġittu identifikata għall-finijiet tal-verifika u l-immonitorjar tal-konformità ta' prodotti mis-sajd mal-ħtiġiet tad-Direttiva 91/493/KEE.

L-Artikolu 2

Il-prodotti mis-sajd importati fil-Komunità mill-Eġittu għandhom iħarsu l-ħriġiet stipulati fl-Artikoli 3, 4 u 5.

L-Artikolu 3

1. Kull kunsinna għandha tkun akkumpanjata minn ċertifikat oriġinali numerat tas-saħħa skond il-mudell muri fl-Anness I u magħmul minn paġna waħda, debitament mimlija iffirmata u datata.

2. Iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jitħejja f'ta' l-anqas waħda mill-lingwi uffiċjali ta' l-Istat Membru fejn jitwettqu l-verifiki.

3. Iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jġorr l-isem, il-kariga u l-firma tar-rappresentant tal-GOVS, u t-timbru uffiċjali ta' dan imsemmi l-aħħar f'kulur differenti minn dak ta' l-endorsjar.

L-Artikolu 4

Il-prodotti mis-sajd għandhom ikunu ġejjin minn stabbilimenti approvati, bastimenti fabbrika, jew imħażen tal-friża, jew mill-bastimenti tal-friża elenkati fl-Anness II.

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15. Direttiva kif l-aħħar emendata bir-Regolament (KE) Nru 806/2003 (ĠU L 122, tas-16.5.2003, p. 1).

[2] ĠU L 187, 07.07.92, p. 41.

L-Artikolu 5

Il-pakketti kollha għandhom iġorru l-kelma "l-Eġittu" u n-numru ta' l-approvazzjoni/reġistrazzjoni ta' l-istabbiliment, bastiment fabbrika, maħżen tal-friża jew bastiment tal-friża ta' l-oriġini f'ittri li ma jitħassrux, ħlief fil-każ ta' prodotti mis-sajd iffriżati fi kwantità u maħsuba għall-manifattura ta' ikel ippriservat.

L-Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mis-17 ta' Jannar 2004.

L-Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 2003.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA

għal prodotti tas-sajd mill-Eġittu u maħsuba għall-esportazzjoni lejn il-Komunità Ewropea, eskluż molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati, gasteropodi marini fi kwalunkwe għamla

Nru ta' referenza: .....

Pajjiż ta' dispaċċ: L-Eġittu

Awtorità kompetenti: Organizzazzjoni Ġenerali ta' Servizzi Veterinarji (OĠSV)

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti tas-sajd**

— Deskrizzjoni tal-prodotti tas-sajd/akwakultura (1): .....

— Speċi (isem xjentifiku): .....

— Preżentazzjoni tal-prodott u tip ta' trattament (2): .....

— Nru tal-kodiċi (fejn disponibbli): .....

— Tip ta' ppakkjar: .....

— Nru ta' pakketti: .....

— Piż nett: .....

— Ħażna rekwiżita u temperatura tat-trasport: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

Isem(ismijiet) u numru(i) ta' l-approvazzjoni/reġistrazzjoni uffiċjali ta' l-istabbiliment(i), bastiment(i) fabbrika, jew maħżen(imħażen) kiesah (keshin) approvati jew bastiment(i) tal-friża rreġistrat(i) mill-OĠSV għall-esportazzjoni lejn il-KE:

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-prodotti tas-sajd jintbagħtu:

minn: .....
(post tad-dispaċċ)

għal: .....
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

bil-mezzi ta' trasport li ġejjin: .....

Isem u indirizz ta' min jibgħat: .....

.....

Isem min jirċievi u indirizz tal-post ta' destinazzjoni: .....

.....

(1) Ħassar fejn ma japplikax.
(2) Ħaj, imkessaħ, iffriżat, immellaħ, affumikat, ippreżervat eċċ.

IV. **Attestazzjoni ta' saħħa**

— L-ispettur uffiċjali hawn jiċċertifika li l-prodotti tas-sajd imsemmija 'l fuq:

1) kienu nqabdu u ntmissu abbord il-bastimenti skond ir-regoli tas-saħħa stabbiliti mid-Direttiva 92/48/KEE;

2) kienu mtellghin fl-art, ntmissu u fejn kien xieraq ippakkjati, ippreparati, ipproċessati, iffriżati, mhalla u maħżuna b'mod iġjeniku skond il-ħtiġiet stabbiliti fil-Kapitli II, III u IV ta' l-Anness ghad-Direttiva 91/493/KEE;

3) ghaddew minn kontrolli ta' saħħa skond il-Kapitlu V ta' l-Anness ghad-Direttiva 91/493/;

4) ikunu ppakkjati, immarkati, maħżuna u trasportati skond il-Kapitli VI, VII u VIII ta' l-Anness ghad-Direttiva 91/493/KEE;

5) ma jkunux ġejjin minn speċi tossiċi jew speċi li fihom il-biotossini;

6) ghaddew b'mod sodisfaċenti minn kontrolli organolettiċi, tal-parassitoloġija, kimiċi,u mikrobijoloġiċi stabbiliti ghal ċerti kategoriji ta' prodotti tas-sajd mid-Direttiva 91/493/KEE u fid-deċiżjonijiet ma' din li jimplimentawha.

— L-ispettur uffiċjali sottoskritt b'dan jiddikjara li jinsab konxju tad-disposizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/KEE, tad-Direttiva 92/48/KEE u tad-Deċiżjoni 2004/38/KE.

Maghmul ....., fî .....
(Post) (Data)

Timbru uffiċjali ([3])

.....
Firma ta' l-ispettur uffiċjali ([3])

.....
(Isem f'ittri kapitali, kapaċità u kwalifiki tal-firmatarju)

([3]) Il-kulur tat-timbru u tal-firma ghandu jkun differenti minn dak tal-partikolaritajiet l-oħra fiċ-ċertifikat.

L-ANNESS II

LISTA TA' STABBILIMENTI U BASTIMENTI

Nru ta' approvazzjoni	Isem	Belt/reġjun	limitu ta' approvazzjoni	Kategorija
066.F.I	Sala Company (Mahmoud El-Sala Mahmoud Dorgam)	Port Said	25 March 2004	PP

Iskrizzjoni tal-kategorija:
PP: Impjant ta' l-ipproċessar.